# 45 sena mill-Miġja tal-Vara Titulari Ġdida

Din is-sena jaħbat il-45 sena anniversarju minn meta nġabet fir-raħal tagħna il-Vara titulari ta' San Pietu. Kien propju fl-1958, fi żmien il-Kappillan Dun Ġużepp Minuti li nħasset il-ħtieġa li ssir vara titulari oħra flok dik li kienet li kienet qed tintuża mis-sena 1947. Din kienet meqjusa żgħra wisq biex tinġarr proċessjonalment. Għaldaqstant il-Kappillan Minuti kkummissjona lil Chev. Vincenżo Bonello permezz tad-ditta Pio Anastasi & Co sabiex jordna statwa ta' l-Injam.

Id-disinn u l-mudell ta' l-Istatwa ta' San Pietru saret mill- Chev. Vinċenzo Bonello li studja sew statwa oħra dik ta' San Pietru li tinsab San Giovanni fil-Lateran ta' Ruma. Id-disinn tal-pedestal sar mis-Sur Emilio Giusti minn Bormla.

L-Istatwa inħadmet mill-Iskultur Ferdinando Stuflesser fil-Belt ta' Ortisei, provinċja ta' Bolżano, l-Italja.

L-Istatwa damet tmien xhur sabiex titlesta, u fil-fatt fl-ewwel ġimgħa ta' Lulju din bidet il-vjaġġ lejn Malta mill-port ta' Genova, però peress li f'dan il-port kien hemm strajk , l-istatwa ma waslitx Malta qabel l-ewwel jum ta' tridu li kien propju nhar it-28 ta' Lulju 1959, fuq il-vapur SS. Lido. L-istatwa nġiebet Birżebbuġa mix-xatt tal-Belt fuq it-trakk ta' Sur Carmelo Żerafa (ta' Patalajtu) fejn ittieħdet fil-Knisja ta' Sagra Familja li tinsab fi Triq iż-Żurrieq.

*Ħajr lil Alfred Sċhembri għal informzzjoni addizjonali.*

*Bibbljografija: Pubblikazzjoni PIN 'Il-Knejjes Parrokkjali ta' Malta u l-festi tagħhom" Vol 1*




*L-istatwa titulari hekk kif tlestiet mill-Iskultur*



*Il-Pedestall hekk kif tlesta mill-Iskultur.*




*Meta nġiebet l-Istatwa titulari ta' San Pietru mill-Kappell tas-Sagra Familja għal Knisja Parrokkjali.*